# IL-VANGELU TA' SAN GWANN

(*Jorbot ma' l-aħħar ħarġa*)

Barra mlli jħobb 'il għajru u jħares il-kmandamenti, wieħed għandu jirċievi l-magħmudija. Din hi kundizzjoni li mingħajrha ħadd ma jista' jkollu l-ħajja. Lil Nikodemu Ġesù qallu: "Jekk wieħed ma jitwelidx bl-ilma u b'Ruħ il-Qodos, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla" (3, 5). It-twelid hu l-bidu tal-ħajja tal-ġisem, u t-twelid spiritwali bil-magħmudija hu l-bidu tal-ħajja spiritwali tagħna. Fidi bla magħmudija mhix biżżejjed, u anqas mhi biżżejjed magħmudija bla fidi.

Wara li l-bniedem ikun ħa l-bidu tal-ħajja bil-fidi u l-magħmudija, jeħtieġlu jaħdem biex iżomm fih dan il-bidu u jkabbru. Għax il-ħajja tista' tintilef. X'għandu jagħmel il-bniedem jekk ikollu d-diżgrazzja li jitlef il-ħajja ! Dan S. Ġwann ifisser fit-tixbiha tad-dielja (15, 1-11) Ġesù hu z-zokk, l-insara huma l-friegħi. Il-friegħi jibqgħu ħajjin kemm idumu maz-zokk; jekk jinqatgħu, imutu. Mela n-nisrani għandu jgħix dejjem marbut ma' Kristu, jekk irid iżomm fih innifsu l-ħajja spiritwali. U l-aqwa mezz biex ngħixu marbutin ma' Kristu hu s-sagrament tal-Ewkaristija, li hu ikel tar-ruħ u rabta ta' Kristu ma' ruħna. U jekk in-nisrani jkollu d-diżgrazzja li jaqa' fid-dnub u jitlef il-ħajja spiritwali, għandu l-mezz biex jerġa' jaqla' l-ħajja fis-sagrament tal-Qrar li, meta nirċevuh kif għandna nirċevuh, għandu l-qawwa jħassrilna dnubietna u jerġa' jħabbibna ma' Alla u jagħtina l-ħajja mitlufa.

Bħalma Kristu qal li hu kien il-ħajja, il-ħajja ta' dejjem, qal ukoll li kien "il-ħobż tal-ħajja", "għajn ta' ilma", "dawl tad-dinja", "bieb tal-merħla", "qawma minn bejn l-imwiet", "dielja vera". Dawn ma humiex titoli fiergħa, mhumiex tixbiħat biss; dawn huma stqarrijiet ta' Kristu li juru l-ħidma tiegħu fil-Knisja, qalb il-Lhud u qalb l-insara; huma bħal dwal matul it-triq mudlama tal-Evanġelju li juruna fejn nitfgħu l-passi tagħna biex ma nitfixklux.

"Jiena hu l-ħobż tal-ħajja". Tliet darbiet qalhom Kristu dawn il-kelmiet fis-sinagoga ta' Kafarnahum. X'ried ifisser bihom ? Skond it-tagħlim tal-għorrief kollha Kristu b'dak il-kliem wiegħed il-ħobż ewkaristiku, dak il-ħobż li, għalkemm jidher ħobż, kien fil-fatt il-ġisem u d-demm ta' Ġesù Kristu. U kien ikel li jagħti l-ħajja, dik il-ħajja li Kristu bosta drabi wiegħed lil-Lhud, il-ħajja li tibda bir-rabta ma' Kristu bil-fidi u tintemm fil-glorja tas-sema. Bħalma l-ħajja tal-ġisem teħtieġ l-ikel materjali biex iżżomm, hekk il-ħajja spiritwali teħtieġ l-ikel spiritwali biex ma tonqosx u ma tispiċċax.

Kristu hu ilma li jaqta' l-għatx għal dejjem. Kristu qatt ma qal: "Jien hu l-ilma tal-ħajja", imma qal biss: "Min hu bil-għatx, jiġi għandi u jixrob" (7, 37), "min jemmen fija ma jieħdu għatx qatt" (6,35), u lill-mara Samaritana Kristu qalilha li hu kellu ilma li jaqta' l-għatx għal dejjem (4, 13). L-ilma ma jfissirx dejjem l-istess ħaġa. L-ilma li Kristu wiegħed lis-Samaritana kien il-grazzja ta' Alla li Kristu jagħti lil kull minn jemmen fih. L-ilma mwiegħed mal-ħobż fil-kap 6 hu l-fidi fi Kristu, bħalma qal Kristu stess: "min jem-

men fija ma jieħdu għatx qatt". Imma l-ilma li Kristu joffri lil kull min hu bil-għatx (7, 37) kien Ruħ il-Qodos, bħalma jfisser S. Ġwann stess: "Dan qalu għar-Ruħ li kienu sa jieħdu dawk li jemmnu fih" (7, 39).

Kristu hu d-dawl tad-dinja. Qalb id-dwalijiet tat-tempju fil-festa tal-Għarajjex Kristu jgħid lil-Lhud miġmugħin: "Jien hu d-dawl tad-dinja". Sabiħ hu d-dawl, u intom ilkoll tifirħu b'dawn il-ħafna dwalijiet, imma d-dawl veru li jdawwal mhux il-bitħa tat-tempju biss imma d-dinja kollha hu jien. Kristu hu dawl, u Ġwanni l-Battista ġie biex jagħti xhieda tad-dawl, biex juri d-dawl li kellu jdawwal il-bnedmin kollha. Kemm hu sabiħ id-dawl! Id-dawl jurina l-ġmiel tal-ħolqien, jurina t-tfixkil li jista' jkun hemm fi triqtna, jikxef il-perikoli, jagħti l-ħajja lid-dinja bil-ħidma tal-bniedem. Kulħadd iħobb id-dawl barra mill-ħażin li jistenna d-dlam li jistor il-ħażen tiegħu. Daqskemm hu sabiħ id-dawl, daqshekk ieħor hu ikrah id-dlam. Id-dlam hu xbiha tal-mewt, għax fid-dlam ħadd ma jaħdem. Id-dlam kulħadd jibża' minnu. U Kristu hu d-dawl tad-dinja, mhux ix-xemx li tagħti d-dawl f'xi ħinijiet biss, imma dawl li jdawwal dejjem u kullimkien u 'l kulħadd. Id-dawl ta' Kristu hu t-tagħlim tiegħu li jurina t-triq li għandna nimxu fiha. li jikxfilna l-periklu biex naħarbuhom li jgħinna biex naħdmu x-xogħol ta' Alla. "Jien ġejt dawl fid-dinja, qal Kristu, biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam" (12, 46). Min jimxi fid-dawl ta' Kristu għandu d-dawl tal-ħajja (8, 12), jiġifieri għandu d-dawl li jmexxih fit-triq tal-ħajja ta' dejjem. Min għandu d-dawl għandu l-ħajja, min għandu l-ħajja hu marbut ma' Kristu, u min hu marbut ma' Kristu qiegħed fit-triq tal-glorja ta' dejjem fis-sema.

Kristu hu l-bieb tal-merħla tiegħu (10, 9). Il-merħla huma dawk li jemmnu fi Kristu, huma l-insara. Bħalma r-ragħajja jieħdu ħsieb il-merħla, Kristu jieħu ħsieb l-insara. Ir-ragħaj ma jaqbeżx il-ħajt biex jidħol ħdejn in-ngħaġ, imma jgħaddi mill-bieb, jieħu ħsieb in-ngħaġ u joħroġhom jirgħahom. U l-bieb hu Kristu. Mela Kristu jieħu ħsieb l-insara, iħarishom mill-għedewwa, jagħtihom ragħajja tajba li jieħdu ħsiebhom għall-ġid tagħhom.

Kristu hu l-qawma minn bejn l-imwiet; hekk qal lil Marta wara l-mewt ta' ħuha Lazzru (11, 25). U Kristu jfisser kliemu hekk: "min jemmen fija, imqar jekk imut, ikollu l-ħajja; u kull min hu ħaj u jemmen fija ma jmut qatt" (11, 25.26). Dan donnu logħob tal-kliem. L-ewwel igħid li min jemmen jista' jmut, imbagħad igħid li ma jmut qatt. Jew imut jew ma jmutx. Imma dan nifhmuh tajjeb jekk niftakru dak li għidna qabel fuq il-ħajja u l-mewt. Min jemmen fi Kristu, għandu fih il-bidu tal-ħajja ta' dejjem. Dan il-bidu jibqa' dejjem fil-bniedem sakemm il-bniedem ma joqtlux bid-dnub. Il-mewt, li hi l-firda tar-ruħ mill-ġisem tiġi għal kulħadd, imqar għal dawk li jemmnu; imma għal dawn il-mewt mhix ħlief mogħdija minn dil-ħajja fid-dinja għal ħajja oħra fis-sema. Għat-tajbin il-mewt mhix qerda, imma bidla ta' ħajja ma' ħajja. Għalhekk il-kliem ta' Kristu jfisser dan: Min jemmen fija jibqa' jgħix għal dejjem imqar jekk tasal fuqu l-mewt bħalma tasal fuq il-bnedmin kollha; u kull min għandu

l-ħajja tal-ġisem u jemmen fija u jibqa' jemmen fija jkollu l-ħajja ta' dejjem.

Minn kull ma għidna naraw li t-tagħlim tar-raba' Vanġelu hu kollu marbut u magħqud ħaġa waħda. Kristu hu Alla u Bin Alla u ħaġa waħda ma' Alla; ġie fid-dinja u sar bniedem; sejjaħ 'il kulħadd għall-fidi biex igħaqqad 'il kulħadd miegħu; il-bnedmin jingħaqdu ma' Kristu u jsiru ħaġa waħda miegħu billi jieklu ġismu u jixorbu demmu fit-tqarbin. Magħqudin ma' Kristu jgħixu l-istess ħajja tiegħu, jimxu dejjem fid-dawl tiegħu, sakemm jidħlu fil-glorja tas-sema għal dejjem.

* * *

Il-għala S. Ġwann kiteb l-Evanġelju? F'għeluq l-Evanġelju San Ġwann kiteb: "Għamel Ġesù ħafna mirakli oħra quddiem id-dixxipli tiegħu, li mhumiex miktubin f'dal-ktieb. Dawn huma miktuba biex temmnu li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla, u biex, meta temmnu, ikollkom il-ħajja f'ismu" (20, 30.31). Mela S. Ġwann kiteb biex inissel il-fidi f'Ġesù Kristu bħala Alla u Bin Alla u biex iwassal permezz ta' dil-fidi 'l min jemmen fil-ħajja ta' dejjem. Iżda barra mill-mirakli, li huma ftit, l-Evanġelju ta' S. Ġwann fih ukoll ħafna diskorsi ta' Kristu, li aħna, bħala nsara għandna nemmnuhom. Mirakli u diskorsi huma marbutin flimkien; il-mirakli juru s-setgħa ta' Kristu u jagħtu awtorità lid-diskorsi tiegħu. Imma xinhu t-tagħlim li ried jagħtina S. Ġwann bid-diskorsi ta' Kristu? X'uħud jaħsbu li S. Ġwann ried biss juri li Kristu kien il-Messija. Jekk inhu hekk, fl-Evanġelju ta' S. Ġwann ma nsibu xejn ġdid. L-Evanġelisti l-oħra kitbu wkoll biex juru li Kristu kien il-Messija. Oħrajn igħidu li S. Ġwann kellu f'moħħu jipprova li Kristu kien tassew Alla. Jekk inhu hekk, S. Ġwann infired mill-evanġelisti l-oħra. Il-verità hi li S. Ġwann ried tassew juri li Kristu kien il-Messija, imma fl-istess ħin ried ukoll juri li skond il-ħsieb ta' Alla l-Messija ma kienx ħaddieħor ħlief l-Iben tiegħu stess magħmul bniedem u mibgħut fid-dinja. Il-Lhud ikkundannaw 'il Ġesù mhux għax qal li hu kien il-Messija, imma għax qal li hu kien Bin Alla.

Imma jidher li Kristu qiegħed jeħodha mal-Lhud, jikkumbatti l-fehmiet tagħhom, iċanfarhom, iwissihom u jistedinhom biex jisimgħu l-kelma tiegħu u joqogħdu għaliha. Nistgħu ngħidu li S. Ġwann kellu f'moħħu jikkumbatti xi erruri ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja? Il-ġlied ta' Kristu kien mal-Lhud ta' żmienu. Kienu dawn li ma riedux jagħrfuh bħala Bin Alla; lil dawn hu jċanfar talli ma riedux jemmnu l-mirakli tiegħu u lil dawn hu sejjaħ biex jilqgħu l-kelma tiegħu. Imma jekk Kristu kellu quddiem għajnejh il-Lhud ta' żmienu biss, S. Ġwann seta' kellu Lhud jew insara oħra meta kiteb dawk id-diskorsi ta' Kristu. Fuq dan l-Evanġelju ma jagħtina l-ebda dawl. Imma mill-Ittri ta' S. Ġwann nafu li fl-ewwel seklu kienu diġà bdew jinbtu xi ereżiji u jixterdu qalb l-insara, u ta' dan jagħtuna xhieda wkoll xi kittieba oħra ta' dak iż-żmien jew ftit wara. Igħidilna S. Ġwann fl-ewwel Ittra li kien hemm min ma jemminx li Ġesù kien il-Messija, u dawn kienu Lhud. Oħrajn ma kienux jemmnu li Kristu kellu ġisem bħal tagħna. Naħsbu li S. Ġwann kellu f'moħħu dawn iż-żewġ erruri: Ġesù ma kienx il-Messija u Ġesù ma kellux ġisem bħal tagħna. Dawn iż-żewġ erruri kienu

mgħallmin minn Cerintu kif igħarrafna S. Irinew. Irinew għex u kiteb fit-tieni seklu u tħabat kemm felah kontra l-ereżiji ta' żmienu. Fuq Cerintu jikteb hekk: "Cerintu, mill-Asja, igħid li d-dinja mhix maħluqa minn Alla, imma ġejja minn qawwa li hi mifruda u mbiegħda ħafna minn dik il-qawwa li ngħidulha Alla. Kien igħallem ukoll li Ġesù ma kienx imwieled minn xebba, għax dan ma jistax ikun, imma twieled minn omm u minn missier bħalma jitwieldu l-bnedmin kollha. Wara l-magħmudija niżel Kristu fuq Ġesù u bis-saħħa tiegħu Ġesù beda jagħmel għeġubijiet u jxandar 'il missieru. Fl-aħħar Kristu reġa nfired minn Ġesù, u Ġesù bata, miet u qam minn bejn l-imwiet, imma Kristu qatt ma bata. Mela Kristu ma kellux ġisem; hu biss ingħaqad mal-ġisem ta' Ġesù għal ftit żmien, u Ġesù ma kienx Kristu. Dawn iż-żewġ erruri msemmijin fl-Ittri ta' S. Ġwann jista' jkun li kienu f'moħħu wkoll hu u jikteb l-Evanġelju.

Dan hu fil-qosor ħafna kull ma nistgħu ngħidu fuq it-tagħlim u l-iskop ta' l-Evanġelju ta' S. Ġwann. Hemm wisq aktar x'wieħed igħid, u f'dawn l-aħħar snin il-kotba fuq l-Evanġelju ta' S. Ġwann kotru bla qies. Ħaġa waħda rrid inżid ngħidilkom. Fost l-Evanġelji kollha l-Evanġelju ta' S. Ġwann biss igħidilna kemm damet ilħidma ta' Kristu fid-dinja. Għax skond l-Evanġelji l-oħra Kristu jidher li dam sena biss igħallem, jew sena u ftit xhur. Imma S. Ġwann jurina ċar li Kristu dam aktar minn sena. Kristu dam jaħdem fid-dinja tliet snin u ftit xhur, jew forsi sentejn u ftit xhur.

P. P. SAYDON.



*ĠESU' BAMBIN, SULTAN IS-SLIEMA.*
*IXERRED IL-BARKA TIEGĦU*
*FUQ IL-QARREJJA TAGĦNA, U NIESHOM, U ĦBIEBHOM*
*U JAGĦTIHOM SENA ĠDIDA*
*MIMLIJA BARKA, ĠID U HENA.*